# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 2 ta' Novembru, 2021

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Seliam Ann Elbueshi Perry**

Kumpilazzjoni numru 269/2018 YMS

**Il-Qorti**,

Rat li l-akkuzata, **Seliam Ann Elbueshi Perry** ta' tmienja u tletin (38) sena, bint Abdul Elbueshi u Shirley-Ann neè Perry, imwielda l-Ingilterra fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) u toqghod Blokk C, Flat 5, Triq Patri Frangisk Grech, St. Venera, detrentrici tal-karta tal-identità 152799M, giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

1. bejn ix-xahar ta' Dicembru 2017 u x-xahar ta' Marzu 2018 gewwa Ritz Flats, Flat 2, Triq Hughes Hallet, Sliema, ikkommettiet serq ta' gojjelli u /jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Sean Camilleri u Elizabeth Camilleri u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-persuna, liema ammont jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. bejn ix-xahar ta' Settembru 2017 u x-xahar ta' Ottubru 2017 minn gewwa 26, Tulip Flats, Flat 2, Triq L. Zamenhof, Msida, ikkommettiet serq ta' curkett u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Maria Luisa Camilleri u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-persuna, liema ammont ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Semghet lill-istess imputata tammetti l-akkuzi kif dedotti kontra taghha waqt l-ezami taghha skont l-Artikolu 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2018 wara li din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tatha ftit taz-zmien biex terga' lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni w ezaminat l-atti kollha tal-kawza.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti, ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni, ma tistax ma ssibx lill-Imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

L-Imputata kienet tahdem ta' seftura mal-kwerelanti u s-serqiet de quo saru mill-fondi ta' abitazzjoni hawn fuq deskritti mill-Intimata fil-perijodi indikati.

Skont l-Artikolu 268 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta is-serq huwa kkwalifikat bil- *persuna* meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi hsara tas-sid. Huwa kkwalifikat bil-lok meta s-serq isir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha (Artikolu 269 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Skont l-Artikolu 267 is-serq huwa kkwalifikat bil-valur meta l-haga misruqa tkun tisswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Ghalhekk, rigward l-ewwel u t-tieni akkuza din il-Qorti rat l-istqarrija tal-Imputata (a fol 8 u fol 9) kif ukoll id-dokumenti pprezentati mill-Prosekuzzjoni (a fol-10 sa fol 16). Tali serqiet jirrizultaw ipprovati minghajr dubbju soddisfacentement aggravati bil-bil-lok, persuna u valur.

Il-Qorti rat li l-Imputata ghandha l-fedina penali nadifa izda ma setghetx ma tiehux kont tal-gravità ta' l-akkuzi li bihom giet akkuzata stante illi hija kisret ghal kollox il-fiducja ta’ min kien fdaha u dahhalha f’daru.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 269, 279, 280 u 281 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzata hatja u tikkundanna lill-istess imputata ghal tliet (3) snin prigunerija effettivi.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**